DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 96/2009

tal-25 ta' Settembru 2009

li temenda l-Anness XI (Servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 83/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/411/KE tal-21 ta' Mejju 2008 dwar l-armonizzazzjoni tal-medda ta' frekwenzi bejn it-3 400 u t-3 800 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/477/KE tat-13 ta' Ġunju 2008 dwar l-armonizzazzjoni tal-medda ta' frekwenzi bejn 2 500–2 690 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/671/KE tal-5 ta' Awwissu 2008 dwar l-użu armonizzat tal-ispettru tar-radju fil-faxxa tal-frekwenzi 5 875–5 905 MHz għal applikazzjonijiet relatati mas-sigurtà ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/673/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2005/928/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-medda ta' frekwenzi bejn il-169,4 u l-169,8125 MHz fil-Komunità ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 5czc (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE):

"5czd. **32008 D 0411**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/411/KE tal-21 ta' Mejju 2008 dwar l-armonizzazzjoni tal-medda ta' frekwenzi bejn it- 3 400 u t- 3 800 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità (ĠU L 144, 4.6.2008, p. 77).

5cze. **32008 D 0477**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/477/KE tat-13 ta' Ġunju 2008 dwar l-armonizzazzjoni tal-medda ta' frekwenzi bejn 2 500–2 690 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Komunità (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 37).

([1]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 35.
([2]) ĠU L 144, 4.6.2008, p. 77.
([3]) ĠU L 163, 24.6.2008, p. 37.
([4]) ĠU L 220, 15.8.2008, p. 24.
([5]) ĠU L 220, 15.8.2008, p. 29.

5czf. **32008 D 0671**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/671/KE tal-5 ta' Awwissu 2008 dwar l-użu armonizzat tal-ispettru tar-radju fil-faxxa tal-frekwenzi 5 875–5 905 MHz għal applikazzjonijiet relatati mas-sigurtà ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) (ĠU L 220, 15.8.2008, p. 24)."

(2) Li ġej għandu jinżdied fil-punt 5ct (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/928/KE):

", kif emendat minn:

— **32008 D 0673**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/673/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 (ĠU L 220, 15.8.2008, p. 29)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2008/411/KE, 2008/477/KE, 2008/671/KE u 2008/673/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-26 ta' Settembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.